# NOMINA TAS-SUR KENNETH FARRUGIA GĦALL-ĦATRA TA CHAIRPERSON TAL-BORD TAL-GVERNATURI TAL-FINANCIAL INTELLIGENCE ANALYSIS UNIT (FIAU)

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta Chairman tal-FIAU? X'inhi d-distinzjoni bejn dan ir-rwol u r-rwol ta Direttur tal-istess Awtorità?

   l-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373) fl-artikolu 18 jiddistingwi bejn il-Bord li minnu jaghmel parti c-Chairman, u d-Direttur tal-FIAU; u jiddistingwi wkoll bejn ir-rwol tal-Bord u dak tad-Direttur.

   Filwaqt li l-Bord, u allura c-Chairman, huma responsabbli għall-policies tal-FIAU, id-Direttur hu responsabbli għall-esekuzzjoni tal-policies stabbiliti mill-Bord, u li jesegwixxi l-funzjonijiet kollha tal-FIAU; u dan isir taht is-sorveljanza ġenerali tal-Bord. Il-Bord u c-Chairman huma responsabbli ghall-governanza generali u d-Direttur ghandu r-responsabbilta esekuttiva.

   Ghaldaqstant, ic-Chairman tal-FIAU mhux *Executive Chairman*. Huwa la ghandu access u lanqas jinghata informazzjoni dwar kazi specifici, kemm jekk fil-qasam ta' sorveljanza kif ukoll fil-qasam ta' *financial intelligence*. La c-Chairman u lanqas il-Bord ma jkunu jafu fuq min saru *suspicious reports*, lanqas ma ghandhom access ghall-*intelligence* migbura u lanqas ma jinghataw kopji ta' rapporti analitici u lanqas jigu infurmati dwar rapporti jew informazzjoni li tinghata lill-pulizija. Din it-tip ta' informazzjoni sensittiva u kunfidenzjali ghandu access ghaliha biss id-Direttur u l-ufficjali li jkunu qed jahdmu fuq il-kaz u huma biss jistghu jiddeterminaw l-ezitu ta' dan. Bl-istess mod la ic-Chairman u lanqas il-board m'ghandu l-abbilita' li jinfluwnezaw il-pjan supervizorju tal- FIAU u wisq anqas id-decizzjoni ta' infurzar fuq ksur tal- obbligi kontra l-hasil ta' flus jew iffinanzjar ta' terrorizmu.

   B'hekk hemm distinzjoni cara bejn ir-rwol tac-Chairman li hu appuntat mill-Prim Ministru u m'ghandux rwol operattiv u r-rwol tad-Direttur li jinhatar wara sejha pubblika, jinghata kuntratt ta' xoghol, u ghandu rwol esekuttiv.

   Flimkien mal-Bord, ir-rwol tac-Chairman ghalhekk jinkludi li:

   - Jara u jizgura li kemm il-Bord kif ukoll id-Direttur u l-ufficjali kollha ta' l-FIAU jaqdu dmirhom skond il-ligi b'mod effettiv;
   - Jassigura li l-FIAU jitmexxa b'governanza tajba, inkluz b'konformita ma' regolamenti dwar amministrazzjoni pubblika, *public procurement* u nfiq, u li jinzammu l-ghola livelli ta' professjonalita;

- Jara li l-FIAU jadotta u jimplimenta policies, strategija u proceduri sabiex jigu mwettqa l-funzjonijiet kollha li ghandu skond il-ligi, b'modd effettiv u skond l-istandards internazzjonali applikabbli;
- Jaghti direzzjoni lid-Direttur dwar l-implimentazzjoni tal-policies stabbiliti u jissorvelja li l-istrategija tigi mwettqa b'mod effettiv u efficenti filwaqt li l-proceduri jigu osservati;
- Jara li l-FIAU ikollu r-risorsi finanzjarji, umani u teknici li hemm bzonn, u li jopera b'modd awtonomu u indipendenti skond kif jesigu l-istandards internazzjonali;
- Jara u jizgura li l-FIAU qieghed jaqdi d-dmirijiet u l-funzjonijiet tieghu skond il-ligi, u dan billi tinghata lill-Bord b'modd regolari informazzjoni (li ma tkunx informazzjoni dwar kazijiet jew persuni specifici) u statistika dwar l-aspetti varji tal-operat tal-FIAU;
- Izomm ruhu aggornat dwar ir-riskji, il-prevenzjoni, sviluppi u sfidi godda fil-qasam tal-*money laundering*, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali, sabiex ikun jista jaghti direzzjoni u jara li l-policies u l-istrategija tal-FIAU jiffukaw u jindirizzaw dawk l-oqsma fejn l-aktar hu mehtieg.

Ic-Chairman u l-membri l-ohra tal-Bord għandhom iwettqu ir-rwol taghhom skont il-gudizzju individwali taghhom fil-qafas tal-istrategija nazzjonali u policies dwar il-*money laundering* stabbiliti fost ohrajn minn *National Coordinating Committee* (NCC) u awtoritajiet internazzjonali.

2. Kif qiegħed tara li tkompli tiżviluppa t-tmexxija u l-governanza fi ħdan l-FIAU? X'se jkunu l-prioritajiet tiegħek bħala Chairman f'dan ir-rigward?

It-tmexxija u l-governanza tal-FIAU trid tkompli tinbena fuq il-pedamenti sodi li halla l-Bord li ghadu kemm spicca. L-FIAU ghadda minn zmien difficli u minn sfidi li bis-sahha tat-tmexxija ghaqlija u d-determinazzjoni tal-ufficjali kollha, irnexxielu jeghleb b'success. Ghalhekk huwa importanti li dak li l-FIAU irnexxielu jikseb matul l-ahhar snin nibzghu ghalih u jigi msahhah. Jien determinat li l-FIAU ikompli jaqdi l-funzjonijiet tieghu bl-ahjar mod skond il-ligi u li tkompli tissahhah ir-reputazzjoni tajba li kiseb, partikolarment mal-istituzzjonijiet barranin, matul l-ahhar snin.

Bhala Chairman flimkien mal-Bord il-prioritajiet tieghi ikunu li:

- l-FIAU ikollu r-rizorsi kollha mehtiega;
- Ikompli jahdem b-modd awtonomu minghajr xkiel jew biza';
- Jitwettaq id-*Developmenet Plan* kif approvat mill-Gvern;
- Tigi implimentata l-istrategija tal-FIAU 2023 – 2026;
- Tigi salvagwardata r-reputazzjoni ta' Malta billi l-FIAU jaghmel dak kollu fil-poter tieghu sabiex is-sistema finanzjarju ma jigix sfruttat mill-kriminali;

- Jitkompla l-investiment fit-teknologija sabiex tissahhah l-efficjenza;
- Jissahhah il-process ta' gbir u analizi ta' *intelligence* sabiex din tkun dejjem aktar utli u tinghata f'waqta lill-pulizija u awtoritajiet kompetenti ohra;
- Jissahhah ir-risk-based approach u l-proporzjonalita fil-kamp tas-sorveljanza u jinghata aktar lok sabiex jigu rimedjati nuqqasijiet qabel tittiehed azzjoni ta' infurzar;
- Tissahhah il-koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji bhal l-MFSA, l-MGA, u awtoritajiet kompetenti ohra u jigu identifikati soluzzjonijiet li jnaqqsu sa fejn possibbli l-pizijiet u l-burokrazija zejda minn fuq is-settur finanzjarju filwaqt li nibqghu konformi mal-obbligi regolatorji nazzjonali u internazzjonali;
- Tkompli tissahhah ir-relazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-FIAU, l-operaturi finanzjarji u l-ohrajn li jaqghu taht is-sorveljanza tal-FIAU, u l-assocjazzjonijiet, konsulenti u professjonisti li jirrapprezentawhom;
- Tkompli tissahhah ir-relazzjoni u l-koperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej u *law enforcement authorities* barranin fost ohrajn;
- Jissahhu r-relazzjonijiet pubblici, komunikazzjoni, u sa fejn hu possibbli skond il-ligi, trasparenza dwar il-processi u proceduri;
- Jibdew isiru l-preparamenti kollha necessarji sabiex l-FIAU u awtoritajiet ohra Maltin li jiggieldu l-hasil ta' flus u l-finanzjament tat-terrorizmu ikomplu jirregistraw successi f'reviews maghmula minn awtoritajiet internazzjonali.

3. Kif qiegħed tara li qiegħed jiżviluppa s-settur tas-servizzi finanzjarji f'pajjiżna? Parti integrali huma wkoll is-sistemi bankarji - xi żviluppi qiegħed tara, mil-lenti ta' Chairman prospettiv tal-FIAU, għaż-żmien li ġej?

   Is-settur finanzjarju f'dawn l-ahhar snin kiber b'mod ragonevoli meta mqabbel ma snin ta qabel u dejjem ikkontribwixxa b'mod sinifikanti ghall-ekonomija ta' Malta. L-avvanzi fit-teknologija ghinu sabiex is-settur jiddiversifika u jizviluppa s-servizzi u l- prodotti tieghi. L-element internazzjonali kompla jikber u dan jghin sabiex jitkabbru l-influssi finanzjarji lejn Malta. Is-settur ghadu b'sahhtu, izda qed jaffaccja sfidi li jridu jigu meghlba jekk irridu li jkompli jikber u jissahhah. Hemm bzonn li tinghata spinta sabiex jinbena momentum gdid li jiggarantixxi s-sostenibbilta tas-settur.

   Is-settur Bankarju in terminu tan- numru ta' istituzzjonijiet fil-pajjiz ckien, u fil-kaz tal-Banek li joffru s-servizzji taghhom lis-suq domestiku saru iktar risk everse. Ghalhekk, filwaqt li nibqghu nishqu fuq l-importanza li jsir immanigjar tar-riskju dan irid isir b'mod iktar effettiv u razzjonali. Ghalhekk hemm bzonn li l-awtoritajiet kollha jahdmu flimkien sabiex jinghata tahrig f'dan il-kamp.

Issa li Malta harget mill-grey list huwa l-waqt li naghtu svolta lis-settur, nimmiraw ghal tkabbir sostenibbli u fuq kollox naghmlu dak kollu li hemm bzonn sabiex is-settur finanzjarju ta' pajjizna nzommuh nadif u b'reputazzjoni tajba. Hawn l-FIAU ghandu rwol important ferm, u bhala Chairman jien determinat li l-FIAU jaqdi l-funzjonijjiet tieghu u jaghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jipprotegi s-settur finanzjarju u l-ekonomija ta' Malta. Izda tajjeb li nghid li dan jista jsir biss bix-xoghol kollettiv ta' li stakeholders kollha – l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll is-settur privat. L-FIAU hu biss holqa wahda fil-katina, u hemm bzonn li kulhadd jaghti sehmu. In-nuqqas ta' xi hadd jimmina l-isforz tal-ohrajn.

4. X'inhuma l-ikbar sfidi li qiegħed jiffaċċja s-settur finanzjarju bħalissa? X'qiegħed isir biex jingħelbu dawn l-isfidi? Tara tagħlimiet li ħarġu mill-proċess biex Malta ħarġet mill-greylisting li għandna nużaw biex negħlbu dawn l-isfidi?

L-industrija tas-servizzi finanzjarji ghaddejja minn zmien ta' svilupp u tibdiliet kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll globalment. Is-sitwazzjoni geopolitika fid-dinja, certu incertezza fil-kamp tal-ekonomija, regoli godda dwar ir-regolamentazzjoni tas-settur, sviluppi dwar tassazzjoni, sviluppi mghagla fil-qasam teknologiku u digitali, prodotti godda u metodi godda ta' kif isir in-negozju finanzjarju u kif jigi regolat, huma kollha sfidi li s-settur finanzjarju qed ihabbat wiccu maghhom. F'Malta is-settur finanzjarju qed jiffaccja dawn l-isfidi wkoll.

Ghandna sfidi ohrajn li rridu nindirizzaw. Jehtieg li nkomplu nahdmu sabiex insahhu r-reputazzjoni li hi krucjali ghas-settur finanzjarju. Irridu wkoll neghlbu l-problema li ghandna ta' nuqqas ta' risorsi umani b'kompetenza gholja u esperjenza, partikolarment fejn jidhlu servizzi u prodotti godda msejsa fuq teknologija gdida u avvanzata. Hemm bzonn li Malta tkun aktar kompetittiva kemm fil-modd ta' kif tirregola l-kummerc finanzjarju kif ukoll billi tidentifika *areas* godda ta' servizzi u prodotti godda u tiffoka fuqhom. Trid tonqos il-burokrazija, trid tizdiet l-efficjenza, jigu simplifikati certu processi u jitnaqsu certu pizijiet minn fuq is-settur finanzjarju minghajr ma naghmlu kompromessi fuq il-kwalita u l-integrita. Approcc innovattiv u l-uzu ta' teknologija huma krucjali sabiex dan kollu jsir.

Malta harget mill-greylisting fi zmien rekord ta' sena. Dan kien possibbli biss ghax bix-xoghol, determinazzjoni u koperazzjoni ta' li stakeholders kollha ghamilna dak it-titjib li l-FATF xtaqet tara. Fejn jidhol l-FIAU dan prattikament kien jikkonsisti fl-implimetazzjoni aktar effettiva ta' processi u proceduri godda li l-FIAU kien diga beda jdahhal sa mill-2017. Issa huwa importanti li l-FIAU ikompli jesercita l-funzjonijiet tieghu b'konformita ma' l-FATF standards u b'mod effettiv.

Tghallimna hafna mill-greylisting. Tghallimna kemm hu importanti li nipprotegu r-reputazzjoni ta' Malta. Iridu nifhmu li l-kwalita u mhux il-kwantita hija importanti, u ghalhekk irridu noqghodu b'seba ghajnejn x'business naccettaw u naghmlu due diligence bir-reqqa. Tghallimna wkoll kemm hu importanti li l-awtoritajiet u s-settur privat ikunu aligned, jaqsmu l-gharfien, jahdmu flimkien u mhux iqisu l-awtoritajiet bhala avversarji imma bhala kollegi fil-hidma kontra l-kriminalita finanzjarja. Tghallimna kemm hu importanti li l-istituzzjonijiet ikollhom ir-rizorsi li hemm bzomm sabiex jaghmlu xogholhom, skond l-istandards tal-FATF, b'modd efficjenti u effettiv li jhalli rizultat. Irridu niehdu bis-serjeta l-glieda kontra l-kriminalita finanzjarja, l-evazjoni tat-taxxi u l-hasil ta' flus; u nassiguraw li l-obbligi kontra l-*money laundering* jigu mharsa, u jekk le, jittiehdu passi ta' infurzar.

Dawn it-taghlimiet, flimkien ma' l-gharfien ta' dak li ghandu jsir sabiex neghlbu l-isfidi, jghinuna niffaccjaw l-isfidi li hemm quddiemna, ghaliex issa nafu fejn zbaljajna u fejn stajna naghmlu ahjar.

5. Fejn qiegħed tara li għandha tkompli tinvesti l-FIAU? Kif tara li l-FIAU se tkun qegħda tanalizza l-volumi ta' informazzjoni li qegħda tinġabar mis-settur finanzjarju bħala parti mill-evoluzzjoni tar-regolamentazzjoni f'dan is-settur?

Matul l-ahhar snin l-FIAU ghamel investiment sinifikanti f'diversi areas sabiex itejjeb l-operat, l-efficjenza u l-effettivita tieghu. Izda ghad hemm aktar xi jsir, u anki ghaliex fil-prattika ma tistax tieqaf tinvesti. Ghalhekk irid ikompli jsir investiment f':

- Risorsi umani li jkollhom firxa wiesa ta' kompetenza fil-funzjonijiet u fis-setturi li jaqghu taht l-FIAU;
- Tahrig u svilupp tekniku u professjonali tal-ufficjali tal-FIAU;
- Tahrig lill-*subject persons*, impjegati taghhom u awtoritajiet kompetenti ohra li maghhom jikkollabora l-FIAU;
- Teknologija digitali u software avvanzat li jghin lill-FIAU iwettaq il-funzjonijiet moghtija lilu, fosthom l-analizi tal-informazzjoni li tingabar, b'modd aktar efficjenti u effettiv. Nista nsemmi sistemi ta' BI; AI; data analytics, data management; case management, ecc.;
- Tishieh tar-*risk-based approach* sabiex l-FIAU jiffoka dejjem izjed ir-risorsi tieghu u jaghti prijorita fejn hemm l-aktar riskju;
- Sistemi u processi li jnaqqsu l-piz minn fuq is-setturi privati li huma sorveljati mill-FIAU;
- Aktar koperazzjoni u hidma mill-vicin ma' awtoritajiet ohra sabiex innaqqsu l-burokrazija, nuzaw b'mod aktar effettiv ir-rizorsi u t-talent li jezizti f'awtoritajiet diversi.

6. Xi rwol taħseb li għandu jkollha l-FIAU fid-dinja diġitali bħal Fintech u Regtech? Kemm taħseb li dan l-aspett diġitali fi ħdan is-settur tas-servizzi finanzjarji jista' jgħin biex il-pajjiż jegħleb sfidi li għad irid jiffaċċja? Tara opportunitajiet li pajjiżna jkompli jiżviluppa dan l-aspett?

   Il-Fintech u Regtech huma mod gdid ta' kif issir u tigi regolata l-attivita finanzjarja. l-FIAU irid jifhem kif tithaddem din l-attivita digitali, kemm ghall-iskop tal-analizi ta' transazzjonijiet finanzjarji kif ukoll sabiex ikun jista jissorvelja li l-operaturi jikkonformaw mal-obbligi taghhom taht il-ligijiet kontra *money laundering*. Il-proceduri konvenzjonali ta' sorveljanza mhux dejjem jistghu jintuzaw u jkunu effikaci fid-dinja tal-Fintech. Ir-regolaturi u awtoritajiet sorveljanti iridu jkunu armati b'sistemi li bihom ikunu jistghu jifhmu u janalizzaw attivita finanzjarja digitali, u jekk din tkunx qed issir b'modd konformi mar-regolamenti, inkuz dawk li jharsu kontra reati finanzjarji u *money laundering*. Ghalhekk l-FIAU irid izomm ruhu aggornat u jkun armat bir-rizorsi li hemm bzonn sabiex ilahhaq ma' dawn l-izviluppi u b'hekk ikun effikaci u effettiv fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu.

   Bla dubbju s-settur finanzjarju se jkompli jara zieda fl-attivita Fintech u kemm l-operaturi kif ukoll ir-regolaturi u awtoritajiet kompetenti ohra jridu jkunu preparati u mghammra bl-gharfien u l-kompetenza sabiex ilahhqu ma' din ir-realta. Is-settur finanzjarju f'Malta irid jimxi maz-zminijiet, jaggorna ruhu u jhares lej l-innovazzjoni b'mod posittiv. Irridu ninvestu fit-tahrig u s-sistemi li hemm bzonn sabiex is-settur jevolvi maz-zmien u nibqghu kompetittivi. B'hekk inkunu f'posizzjoni tajba sabiex naffrontaw l-isfidi li ghandna quddiemna.

   Ir-regulator irid ikollu gharfien tajjeb ta kif ahdmu dawn is-sistemi sabiex ikun jista jiggwida lis-settur privat kif jista' juza dawn is-sistemi sabiex ikun iktar konformi mal-obbligi tieghu inkluzi dawk kontra l-hasil ta' flus u sabiex jindirizza possibilment certu sfidi fil-qasam tar-rizorsi umani.

7. Tara li l-FIAU għandu jkollha rwol fl-aspett edukattiv u ta' taħriġ fejn jidħlu l-ħaddiema fis-settur finanzjarju? Liema huma dawk l-entitajiet li l-FIAU l-iktar tikkollabora magħhom sabiex twettaq ħidmietha?

   L-edukazzjoni u tahrig huwa rwol importanti li l-FIAU diga ila twettaq ghal dawn l-ahhar snin. L-FIAU ghandha team ta' ufficjali li x-xoghol specifiku taghhom hu dak li ahna nsejhulu "*guidance and outreach*". Dan jikkonsisti mhux biss fil-pubblikazzjoni tal-*Implementing Procedures* skond il-ligi, izda wkoll ta' diversi dokumenti informattivi bhal *Guidance Notes* u *Interpretative Notes*. Barra minn hekk l-FIAU regolarment jorganizza seminars, workshops, konferenzi u jippartecipa f'diversi avvenimenti ohra specifikatament ghall-*subject persons*, impjegati taghhom, konsulenti u professjonisti

ohra. L-FIAU nieda wkoll public/private partnerships fil-forma ta' *AML Clinics* mal-banek kif ukoll il-*Consultants' Forum*. L-FIAU jemmen bis-shih fl-edukazzjoni u tahrig tant li ufficjali tieghu jaghtu lectures, bhala rappresentanti tal-FIAU, lil studenti f'diversi korsijiet l-universita.

Ghal dak li huma l-entitajiet li l-FIAU jikkollabora maghhom fil-hidma tieghu, dawn jinkludu:

- AML/CFT National Coordinating Committee
- Il-pulizija
- L-Avukat Generali
- Magistrati li jkunu qed imexxu inkjesti "in genere"
- Awtoritajiet sorveljanti bhall-MFSA, l-MGA u s-Sanctions Monitoring Board
- *Commissioner for Revenue*
- *Commissioner for Voluntary Organisations*
- *Asset Recovery Bureau*
- *Security Service*
- *Financial Intelligence Units* barranin
- *AML / CFT Supervisors barranin*
- *Law Enforcement Authorities* barranin
- *Egmont Group of FIUs*
- *EPPO*
- *FIU Platform* tal-Unjoni Ewropea
- Il-Kummissjoni Ewropea
- Il-*European Banking Authority*
- MONEYVAL
- FATF

  u fil-futur mal- AMLA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

   Din il-mistoqsija hija simili ghall-ewwel mistoqsija mill-membri tal-Gvern u se tinghata l-istess risposta.

   l-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373) fl-artikolu 18 jiddistingwi bejn il-Bord li minnu jaghmel parti c-Chairman, u d-Direttur tal-FIAU; u jiddistingwi wkoll bejn ir-rwol tal-Bord u dak tad-Direttur.

Filwaqt li l-Bord, u allura c-Chairman, huma responsabbli għall-policies tal-FIAU, id-Direttur hu responsabbli għall-esekuzzjoni tal-policies stabbiliti mill-Bord, u li jesegwixxi l-funzjonijiet kollha tal-FIAU; u dan isir taht is-sorveljanza ġenerali tal-Bord. Il-Bord u c-Chairman huma responsabbli ghall-governanza generali u d-Direttur ghandu r-responsabbilta esekuttiva.

Ghaldaqstant, ic-Chairman tal-FIAU mhux Executive Chairman. Huwa la ghandu access u lanqas jinghata informazzjoni dwar kazi specifici, kemm jekk fil-qasam ta' sorveljanza kif ukoll fil-qasam ta' financial intelligence. La c-Chairman u lanqas il-Bord ma jkunu jafu fuq min saru suspicious reports, lanqas ma ghandhom access ghall-intelligence migbura u lanqas ma jinghataw kopji ta' rapporti analitici u lanqas jigu infurmati dwar rapporti jew informazzjoni li tinghata lill-pulizija. Din it-tip ta' informazzjoni sensittiva u kunfidenzjali ghandu access ghaliha biss id-Direttur u l-ufficjali li jkunu qed jahdmu fuq il-kaz u huma biss jistghu jiddeterminaw l-ezitu ta' dan. Bl-istess mod la ic-Chairman u lanqas il-board  m'ghandu l-abbilita' li jinfluwnezaw il-pjan supervizorju tal- FIAU u wisq anqas id-decizzjoni ta' infurzar fuq ksur tal- obbligi kontra l-hasil ta' flus jew iffinanzjar ta' terrorizmu.

B'hekk hemm distinzjoni cara bejn ir-rwol tac-Chairman li hu appuntat mill-Prim Ministru u m'ghandux rwol operattiv u r-rwol tad-Direttur li jinhatar wara sejha pubblika, jinghata kuntratt ta' xoghol, u ghandu rwol esekuttiv.

Flimkien mal-Bord, ir-rwol tac-Chairman ghalhekk jinkludi li:

- Jara u jizgura li kemm il-Bord kif ukoll id-Direttur u l-ufficjali kollha ta' l-FIAU jaqdu dmirhom skond il-ligi b'mod effettiv;
- Jassigura li l-FIAU jitmexxa b'governanza tajba, inkluz b'konformita ma' regolamenti dwar amministrazzjoni pubblika, *public procurement* u nfiq, u li jinzammu l-ghola livelli ta' professjonalita;
- Jara li l-FIAU jadotta u jimplimenta policies, strategija u proceduri sabiex jigu mwettqa l-funzjonijiet kollha li ghandu skond il-ligi, b'modd effettiv u skond l-istandards internazzjonali applikabbli;
- Jaghti direzzjoni lid-Direttur dwar l-implimentazzjoni tal-policies stabbiliti u jissorvelja li l-istrategija tigi mwettqa b'mod effettiv u efficenti filwaqt li l-proceduri jigu osservati;
- Jara li l-FIAU ikollu r-risorsi finanzjarji, umani u teknici li hemm bzonn, u li jopera b'modd awtonomu u indipendenti skond kif jesigu l-istandards internazzjonali;
- Jara u jizgura li l-FIAU qieghed jaqdi d-dmirijiet u l-funzjonijiet tieghu skond il-ligi, u dan billi tinghata lill-Bord b'modd regolari informazzjoni (li ma tkunx

informazzjoni dwar kazijiet jew persuni specifici) u statistika dwar l-aspetti varji tal-operat tal-FIAU;
- Izomm ruhu aggornat dwar ir-riskji, il-prevenzjoni, sviluppi u sfidi godda fil-qasam tal-*money laundering*, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali, sabiex ikun jista jaghti direzzjoni u jara li l-policies u l-istrategija tal-FIAU jiffukaw u jindirizzaw dawk l-oqsma fejn l-aktar hu mehtieg.

Ic-Chairman u l-membri l-ohra tal-Bord għandhom iwettqu ir-rwol taghhom skont il-gudizzju individwali taghhom fil-qafas tal-istrategija nazzjonali u policies dwar il-*money laundering* stabbiliti fost ohrajn minn *National Coordinating Committee* (NCC) u awtoritajiet internazzjonali.

2. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

It-tmexxija u l-governanza tal-FIAU trid tkompli tinbena fuq il-pedamenti sodi li halla l-Bord li ghadu kemm spicca. L-FIAU ghadda minn zmien difficli u minn sfidi li bis-sahha tat-tmexxija ghaqlija u d-determinazzjoni tal-ufficjali kollha, irnexxielu jeghleb b'success. Ghalhekk huwa importanti li dak li l-FIAU irnexxielu jikseb matul l-ahhar snin nibzghu ghalih u jigi msahhah. Jien determinat li l-FIAU ikompli jaqdi l-funzjonijiet tieghu bl-ahjar mod skond il-ligi u li tkompli tissahhah ir-reputazzjoni tajba li kiseb, partikolarment mal-istituzzjonijiet barranin, matul l-ahhar snin.

Bhala Chairman flimkien mal-Bord il-prioritajiet tieghi ikunu li:
- l-FIAU ikollu r-rizorsi kollha mehtiega;
- Ikompli jahdem b-modd awtonomu minghajr xkiel jew biza';
- Jitwettaq id-*Developmenet Plan* kif approvat mill-Gvern;
- Tigi implimentata l-istrategija tal-FIAU 2023 – 2026;
- Tigi salvagwardata r-reputazzjoni ta' Malta billi l-FIAU jaghmel dak kollu fil-poter tieghu sabiex is-sistema finanzjarju ma jigix sfruttat mill-kriminali;
- Jitkompla l-investiment fit-teknologija sabiex tissahhah l-efficjenza;
- Jissahhah il-process ta' gbir u analizi ta' *intelligence* sabiex din tkun dejjem aktar utli u tinghata f'waqta lill-pulizija u awtoritajiet kompetenti ohra;
- Jissahhah ir-risk-based approach u l-proporzjonalita fil-kamp tas-sorveljanza u jinghata aktar lok sabiex jigu rimedjati nuqqasijiet qabel tittiehed azzjoni ta' infurzar;
- Tissahhah il-koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji bhal l-MFSA, l-MGA, u awtoritajiet kompetenti ohra u jigu identifikati soluzzjonijiet li jnaqqsu sa fejn possibbli l-pizijiet regolatorji minn fuq is-settur finanzjarju, u l-burokrazija

zejda minn fuq is-settur finanzjarju filwaqt li nibqghu konformi mal-obbligi regolatorji nazzjonali u internazzjonali;

- Tkompli tissahhah ir-relazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-FIAU, l-operaturi finanzjarji u l-ohrajn li jaqghu taht is-sorveljanza tal-FIAU, u l-assocjazzjonijiet, konsulenti u professjonisti li jirrappresentawhom;
- Tkompli tissahhah ir-relazzjoni u l-koperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej u *law enforcement authorities* barranin fost ohrajn;
- Jissahhu r-relazzjonijiet pubblici, komunikazzjoni, u sa fejn hu possibbli skond il-ligi, trasparenza dwar il-processi u proceduri;
- Jibdew isiru l-preparamenti kollha necessarji sabiex l-FIAU u awtoritajiet ohra Maltin li jiggieldu l-hasil ta' flus u l-finanzjament tat-terrorizmu ikomplu jirregistraw successi f'reviews maghmula minn awtoritajiet internazzjonali.

3. Hemm xi ħaġa li jiddispjaċik li għamilt matul is-snin li kont fil-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)? Jekk iva, x'inhi?

   Nahseb dak li wettaqna bhala team FIAU meta jiena kont nokkupa l-posizzjoni ta' direttur ta' l-FIAU dejjem ghamilnieh bil-qalb, b'ghaqal, b'umilta, b'rispett u bl-iskop ahhari li naderixxu ma' l-obbligi internazzjonali ta' kontra l-hasil ta' flus u l-finanzjament tat-terrorizmu. Kull mizura u implementazzjoni ta' sistemi godda dejjem saret b'konsultazzjoni kontinwa ma' l-ghaqdiet rapprezentanti tas-setturi diversi, ghalhekk filwaqt li nemmen li dak li wettaqni mhux perfett (ghaliex x'inhu u minn hu perfett) inhoss li ma jiddispjaciniex minn dak kollu li irnexxielna nimplimentaw sabiex l-FIAU wasal fejn qieghed illumm.

4. Hemm xi ħaġa li jiddispjaċik li m'għamiltx matul is-snin li kont fil-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)? Jekk iva, x'inhi?

   Nahseb inizjattiva li stajt hdimt aktar fuqha hi l-edukazzjoni lil pubbliku in generali inkluz ukoll gurnalisti, membri tal- gudikatura, membri parlamentari, u politici, - fuq x'inhu r-rwol u r-responsabilita u l- poteri ta' l-FIAU fl-oqsma diversi li tiehu hsieb u ghalfejn dak li jaghmel l-FIAU fil-qasam analitiku b'mod specjali huwa protett b'kunfidenzjalita assoluta. Dan qieghed nghidu ghaliex xi kultant isir hafna diskors, tahdidiet, analizi, opinjonijiet u kitba fuq ir-responsabilita ta' l-FIAU li ma jkunux jirriflettu r-realta u sahansitra l-poteri li johorgu mill-ligi.

5. Xi sfidi tara li għandu quddiemu l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

L-FIAU ghadu kemm nieda l-istrategija 2023 – 2026. Din hija strategija impenjattiva li toffri sfida sabiex tigi implimentata, izda l-ufficjali tal-FIAU, li kienu strumentali sabiex din l-istrategija tigi sviluppata, huma determinati li jwettquha.

Dan iwassalni ghal sfida ohra, li m'hix biss tal-FIAU, dik tar-rizorsi umani. Mhux facli li ssib dawn ir-rizorsi fil-limitazzjonijiet ta' pajjizna. Fil-fatt l-FIAU jimpjega numru ta' ufficjali minn pajjizi ohra tal-Unjoni Ewropea. Nibqghu dejjem naghmlu hilitna sabiex insibu dawk in-nies li jkunu kwalifikati u kompetenti sabiex insahhu t-team tal-FIAU.

Sfida ohra hija li tissahhah il-koordinazzjoni u koperazzjoni bejn l-FIAU u l-MFSA f'dak li hu gbir ta' informazzjoni u data, u sorveljanza tas-settur finanzjarju sabiex tizdied il-konsistenza u l-efficjenza, saiex jissimplifikaw il- procedure u l-obbligi regolatorji. Nemmen li bhala CEO tal-MFSA u Chairman tal-FIAU ikolli gharfien u nkun nista nifhem l-esigenzi taz-zewg awtoritajiet, u b'hekk ikun aktar facli li jahdmu b'modd koordinat u vicin.

L-FIAU qieghed jircievi numru dejjem akbar ta' suspicious reports. Din hija haga tajba ghaliex tindika livell gholi ta' gharfien u konformita. Mill-banda l-ohra dan ifisser li l-FIAU jrid jiddistingwi bejn rapporti serji u ohrajn, jipprijoritizza dawk li jridu jigu analizzati b'modd urgenti, jigbor *intelligence,* janalizza u jibghat rapporti jew *intelligence* lill-pulizija jew awtoritajiet ohra kemm lokali jew barranin fi zmien utli. L-uzu ta' teknologija jista jghin biex dan kollu jsir b'modd aktar efficjenti u effettiv. Din hija sfida ohra li qed jiffaccja l-FIAU.

Ma nistax ma nsemmix l-incertezza li bhalissa tezizti dwar kif se jsir l-infurzar b'mod effettiv. Id-decizjoni tal-FATF li Malta titnehha mill-grey list kienet ibbazata, fost ohrajn, fuq il-fatt li ghandna ligi u regolamenti li jaghtu poter lill-FIAU li jimponi pieni proporzjonali u li jkunu effettivi u disswazivi, u li dawn il-provvedimenti legali kienu qed jithaddmu b'mod effettiv. Issa li l-Qrati taghna qed jiddeciedu li dawn il-ligijiet jiksru dritt fondamentali, u jekk dan jigi konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali, allura se jkollna problema li rridu nsolvu fi zmien qasir. Nara li din sfida ohra li ser jiffaccja mhux biss l-FIAU u awtoritajiet ohra, izda il-pajjiz. Jekk kemm il-darba tisviluppa sitwazzjoni fejn ma' tkunx tista tittiehed azzjoni tempestiva ta' infurzar f'kazijiet fejn ikun hemm ksur tal-obbligi taht ir-regolamenti kontra *money laundering*, u lanqas jigu imposti pieni proporzjonali, effettivi u disswazivi b'mod efficjenti, allura huwa ferm probabbli li nispiccaw ghal darb'ohra taht il-lenti tal-FATF.

Hemm bzonn insahhu r-relazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-FIAU, is-*subject persons* u l-konsulenti taghhom. Diga sar hafna xoghol dwar dan u l-FIAU bena relazzjoni tajba kemm ma' certu operaturi finanzjarji kif ukoll ma' assocjazzjonijiet professjonali. Isir xoghol sabiex jigu rimedjati nuqqasijiet, issir konsultazzjoni u diskussjonijiet. Izda baqa

xi jsir sabiex tinbena relazzjoni ta' fiducja mas-setturi kollha. Din hija sfida li l-FIAU jiehu bis-serjeta ghaliex aktar ma' jkun hemm fiducja u rispett reciproku, aktar ikun hemm koperazzjoni, ftehim u konformita mal-obbligi.

Fl-ahhar nixtieq insemmi l-isfida tal-komunikazzjoni u l-gharfien tal-pubbliku dwar il-funzjonijiet tal-FIAU, u dwar il-konfidenzjalita imposta mill-ligi. Minkejja diversi sforzi u inizjattivi sabiex il-pubbliku jifhem ahjar dak li jista u ma jistax jaghmel l-FIAU, jibqa l-fatt li hafna m'ghandhomx gharfien ta' dan. Il-kunfidenzjalita dwar l-operat tal-FIAU tqajjem dubbji dwar jekk l-FIAU jkunx qed jaghmel dmiru jew le. Filwaqt li ma taghtix tort sa barra lil dawk li ma jkollhom ebda informazzjoni, li jiddubitaw, lanqas hu sewwa li hemm min jasal ghall-konkluzjoni u jaghmilha fatt li l-FIAU ma jkunx qed jaqdi dmiru sempliciment ghax ma jkunx jaf x'qed jigri. Minkejja li ma jidhirx, l-FIAU ikun qieghed jaghmel xogholu u l-informazzjoni u l-*intelligence* li jigbor u janalizza tkun qed tinghata lill-pulizija, f'certu kazi, lill-magistrati, u lill-awtoritajiet ohra kompetenti Maltin jew barranin skond kif tippermetti l-ligi. Dawn jiehdu over mill-FIAU u sfortunatament ix-xoghol li jkun sar jibqa ma jidhirx u ma jkun jaf bih hadd.

6. X'taħseb li huma n-nuqqasijiet tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

L-FIAU ghamlet passi ta' ggant fl-ahhar 5 snin u evolviet sabiex tkun tista topera b'mod effettiv fir-responsabilitajiet kollha taghha.

Bhala punti li l-FIAU tista tkompli tirfina dawn diga gew studjati fid-dettall u ghalhekk giet ifformulata l-istrategija li harget l-FIAU ghas-snin 2023 – 2026. Din l-istrategija tiffoka fuq 5 oqsma li jinkludi:

1. Li issir supervizjoni b'aktar efficenza u proporzjonalita abbazi tar-riskju li jigi attribwit lil entita suggetta;
2. Li tiggenera u tqassam aktar intelligenza effetttiva li tkun ta kwalita u fil-hin sabiex il-Pulizija jew l-awtorita li tkun qeghda tircevija taghmel l-ahjar uzu minnha;
3. Li jkun hemm aktar engagg ma' awtoritajiet barranin u lokali sabiex isir skambju ta' idejat u best practices;
4. Li l-FIAU jiffoka aktar fuq riskju b'mod generali fl-operat tieghu biex filwaqt li jkun effettiv ikun ukoll efficenti;
5. Li jkun hemm aktar kommunikazzjoni u koordinazzjoni kemm go l-FIAU u kif ukoll ma l-awtoritajiet li jahdem maghhom.

L-FIAU evolva u kiber f'qasir zmien. Ghalhekk nemmen li wiehed min-nuqqasijiet li ser ikun qieghed jaffacja hu li jkun hemm aktar sistemi ta' kontroll intern sabiex wiehed jara li kull ufficjal ta' l-FIAU qieghed jimxi mal-policies u proceduri ta' l-FIAU.

Hawnhekk nemmen li hija wahda mill-areas fejn wiehed irid jinvesti iktar u jara kif ser isahhah.

7. X'taħseb li kienu l-kisbiet tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) matul l-aħħar ħames snin?

Nemmen li l-akbar kisba ghal FIAU matul l-ahhar hames snin kienet il-bini ta' team FIAU. Dan it-team imbena wara li n-nies dejjem intghazlu abbazi ta' l-abilitajiet taghhom u wara hafna skrutinju u diligenza sabiex barra li jigi assessjati l-kompetenzi taghhom jigu wkoll skrutinizzati l-valuri u l-principji taghhom. Dan it-team ta' nies intghazlu sabiex jimplementaw ir-responsabilitajiet li jaqghu taht l-FIAU b'tant dedikazzjoni, professjonalita, sagrificcju, determinazzjoni u fuq kollox b'mod indipendenti u minghajr indhil ta' had. It-team ta' l-FIAU dejjem gab fuq quddiem nett ta' l-agenda tieghu x'inhu bzonnjuz ghal FIAU u ghal Malta u mhux ghal ufficjal fuq bazi personali. Nahseb din kienet l-akbar kisba sabiex imbad l-FIAU gab il-kisbiet imnizzlin hawn taht:

- Hrug ta' numru rekord ta' linji gwida;
- Aktar engagement mas-settur privat u sahansitra gew issettjati pjattaformi ta' public private partnership initiatives bhal AML/CFT clinics, AML/CFT consultants forum, u ohrajn;
- Riforma holistika fuq il-lat supervisorju li jinkludi riforma ta' kif isir ir-risk assessment, il-process supervisorju, u anke l-process ta' l-enforcement fuq rakommandazzjonijiet moghtija lil Malta minghand l-EBA u l-Kommissjoni Ewropeja;
- Implementaazzjoni ta' diversi sistemi ta' IT sabiex jigi facilitat kif tingabar l-informazzjoni u tinhadem fost b'sistemi bhal GOAML, CASPAR, u diversi databases ohra;
- Implementazzjoni tar-rikomandazzjonijiet kollha moghtija lil FIAU minghand MONEYVAL, FATF, IMF, u awtoritajiet ohrajn f'hin rekord;
- Implementazzjoni tac-Central Bank Account Registry (CBAR) f'qasir zmien;
- Waqqafna sezzjoni gewwa l-FIAU li tiehu hsieb il-moniteragg fuq l-uzu tal-cash;
- Sahhahna l-koperazzjoni ta' l-FIAU ma' l-Awtoritajiet lokali li jinkludi Polizija, CFR, MFSA, MGA, SMB u ohrajn;
- Sahhahna l-koperazzjoni ta' l-FIAU ma' Awtoritajiet supervisorji u FIU's barranin;
- Participazzjoni ta' ufficjali tal-FIAU fi progetti ta EBA u assessments tal-moneyval

- Twaqqif ta'sezzjni li tissorvelja l-kwalita' tax-xoghol tal- FIAU
- Tfassil ta' strategija li tkopri 2023-2026 sabiex jissahhag l-operat tal-FIAUSirna punt ta' referenza ghal pajjizi ohrajn f'oqsma bhal ma huma linji gwida, enforcement practices, processar ta' STRs, risk assessment ta' entitajiet suggetti, sistemi u kontrolli ta' l-IT li jiehdu hsieb il-kunfidenzjalita ta' l-informazzjoni, u areas ohrajn.
- Tajna hilitna u sahhitna bhala team FIAU sabiex Malta tohrog mill-grey list fl-iqsar zmien possibli.

8. X'karigi oħra beħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

   L-unika kariga ohra li jien nokkupa hija dik ta' Chief Executive Officer tal-MFSA. Jekk nigi kkonfermat bhala Chairman tal- FIAU inkun ukoll ex-officio membru tal- NCC.

9. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

   Nikkonferma li jien ma ghandi ebda attivita kummercjali. Nikkonferma wkoll li ma ghandi ebda attivita jew interessi ohra li jistghu joholqu kunflitt ta' interess mar-rwol ta' Chairman tal-FIAU.